MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.<br>GABRIELLA VELLA

Seduta tas-17 ta' April, 2012

Avviz Numru. 88/2006

**Patrick u Maria konjugi Muscat (Karti ta' l-Identità bin-Numru 61470M u 322972M)**

**Vs**

**Right Deal Limited (C-10598)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Patrick u Maria konjugi Musctat fl-20 ta' Marzu 2006 permezz ta' liema jitolbu li s-socjetà Right Deal Limited tigi kkundannata thallashom is-somma ta' elfejn sitt mija u tnax-il Lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm2,612.61), illum ekwivalenti ghal €6,085.74, rapprezentanti danni minnhom sofferti a causa ta' magna tal-hasil tal-hwejjeg mixtrija mill-hanut tas-socjetà Right Deal Limited gewwa Birkirkara By Pass, Iklin, Lija, fis-17 ta' Jannar 2005 u kkonsenjata lilhom fis-16 ta' Marzu 2005, skond l-ircevuta bin-numru 17215, liema magna hadet in-nar fit-13 ta' Settembru 2005 fir-residenza taghhom u kkawzat hsarat konsiderevoli mhux

biss fil-magna, li nharqet kollha, izda wkoll f'apparat iehor biswit l-istess kamra fejn sehh l-incident u fil-bini nnifsu, kif stabbilit fir-rapporti teknici annessi mar-Rikors u markati Dok. "PM1" u Dok. "PM2" u fl-ahhar valutazzjoni dettaljata markata Dok. "PM3"; bl-imghax legali dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 20 ta' Jannar 2006, liema ittra giet kontestata, kontra s-socjetà Right Deal Limited;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur u markati minn Dok. "PM1" sa' Dok. "PM3" a fol. 3 sa' 18 tal-process;

Rat ir-Risposta tas-socjetà Right Deal Limited ipprezentata fid-19 ta' April 2006 permezz ta' liema teccepixxi li: (i) fl-ewwel lok l-akkadut li wassal ghad-danni pretizi mill-atturi mhuwiex attribwibbli ghal xi oggett, f'dan il-kaz magna tal-hasil, li inxtrat minghandha peress li meta din inxtrat fis-17 ta' Jannar 2005 kienet fi stat ta' funzjonament tajjeb; (ii) il-kawza ta' l-akkadut kienet li l-istess atturi ma operawx il-magna tal-hasil in kwistjoni skond il-manual lilhom ikkonsenjat jew ghal xi ragunijiet ohra li jista' wkoll ghandhom x'jaqsmu mal-provvista tad-dawl jew xoghol li ma sarx skond l-arti u s-sengha fil-fond ta' l-atturi in konnessjoni mas-sistema tad-dawl, hwejjeg li assolutament ma jiddependux mis-socjetà konvenuta; (iii) fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, l-entità tad-danni ma ghandhiex twiegeb ghaliha hi peress illi l-magna tal-hasil in kwistjoni kienet tinzamm f'ambjenti li jaggaravaw in-nirien kawzati mill-incident u di più tenut kont tac-cirkostanzi ta' fejn kienet din il-magna tal-hasil l-atturi ma jidhirx li kienu attrezzati biex jiehdu l-prekawzjonijiet ghal incident simili, allura l-atturi ghandhom iwiegbu ghall-hsara li saret bil-kontribuzzjoni ta' ghemilhom;

Rat id-dokument "PM4" ipprezentat mill-atturi a fol. 29 tal-process u rat l-affidvaits ta' l-atturi markati Dok. "PM5" u "PM6" a fol. 30 sa' 33 tal-process;

Rat ir-Rapport tal-Perit Tekniku Vincent Ciliberti a fol. 61 tal-process;

Rat id-domandi in eskussjoni maghmula lill-Perit Tekniku mis-socjetà konvenuta u ir-risposti relattivi ta’ l-istess Perit Tekniku rispettivament a fol. 72 u 73 tal-process u a fol. 77 sa’ 81 tal-process;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet tas-socjetà konvenuta a fol. 86 sa’ 90 tal-process u n-Nota ta’ Sottomissjonijiet ta’ l-atturi a fol. 91 sa’ 94 tal-process;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-atturi konjugi Muscat jitolbu li s-socjetà konvenuta tigi ikkundannata thallashom is-somma ta’ Lm2,612.61, illum ekwivalenti ghal €6,085.74, rapprezentanti danni minnhom sofferti b’konsegwenza tal-fatt li fit-13 ta’ Settembru 2005, magna tal-hasil tal-hwejjeg akkwistata minghand is-socjetà konvenuta fis-17 ta’ Jannar 2005 u ikkonsenjata lilhom fis-16 ta’ Marzu 2005, hadet in-nar u gew ikkawzati hsarat konsiderevoli mhux biss fil-magna li inharqet kompletament izda wkoll f’apparat iehor li kien hemm biswit l-istess magna tal-hasil u fil-bini nnifsu. Huma jibbazaw il-pretensjonijiet taghhom fil-konfront tas-socjetà konvenuta fuq ir-rapporti imhejja mill-Inginiera Michael Cassar u Arthur Ciantar u mis-surveyor Christopher Hayes rispettivament datati 21 ta’ Settembru 2005 u 14 ta’ Ottubru 2005 – Dok. “PM1” u Dok. “PM2” a fol. 3 sa’ 8 u 9 sa’ 17 tal-process – u fuq ir-rendikont tad-danni markat Dok. “PM3” a fol. 18 tal-process.

Is-socjetà konvenuta tikkontesta t-talba ta’ l-atturi u tikkontendi li ma ghandhiex tinzamm responsabbli ghad-danni minnhom pretizi stante li meta giet akkwistata l-magna tal-hasil din kienet tahdem tajjeb u ghalhekk dak li gara fit-13 ta’ Settembru 2005 sehh jew ghalihex l-atturi ma operawx il-magna in kwistjoni skond il-manual konsenjat ma’ l-istess magna jew inkella minhabba xi

haga marbuat mal-provvista ta’ l-elettriku fil-fond ta’ l-atturi jew xoghol fis-sistema ta’ l-elettriku li ma sarx skond is-sengha u l-arti. Subordinatament tikkontendi wkoll li fi kwalunkwe kaz hemm element ta’ kontributorjetà da parte ta’ l-atturi u ghalhekk ma ghandhiex twiegeb ghad-danni kollha pretizi mill-atturi li, invece ghandom iwiegbu ghall-hsarat kawzati b’konsegwenza ta’ l-agir taghhom.

B’Digriet datat 14 ta’ Gunju 2006, il-Qorti hatret bhala Perit Tekniku lil Vincenti Ciliberti sabiex izomm access fil-fond ta’ l-atturi u jirrapporta dwar id-danni u l-kawza taghhom. Il-Perit Tekniku halef u pprezenta r-Relazzjoni tieghu fit-12 ta’ Novembru 2008 u wara li zamm access fil-fond ta’ l-atturi u sema’ ix-xhieda u kkonsidra l-provi kollha prodotti mill-partijiet kontendenti kkonkluda li: *il-hruq tal-magna tal-hasil ma kienetx rizultat ta’ uzu hazin mill-atturi, jew difetti fis-sistema ta’ l-elettrika fil-fond, u mkien dan ma jirrizulta mill-provi, u jekk xejn il-provi migjuba jindikaw li l-hruq gie ikkawzat mill-magna nnifisa. Illi fir-rigward tad-danni mitluba mill-atturi, konsiderati l-osservazzjonijiet maghmula mill-esponenti dwar it-talbiet attrici, l-esponenti qieghed jehmez lista ta’ l-oggetti – Dok. VEC1 –dikjarati mill-atturi, bil-prezzijiet f’xi kazijiet ridotti, u li fl-opinjoni ta’ l-esponenti jirriflettu aktar il-mod ekwu u gust. Illi fil-kaz tal-magna tal-hasil mixtrija minghand is-socjetà konvenuta l-esponenti qieghed jissugerixxi l-istess prezz li biha nxtrat minhabba li l-magna kienet ghadha koperta bil-garanzija*[1].

Is-socjetà konvenuta tikkontesta l-konkluzzjoni tal-Perit Tekniku, kif jirrizulta ferm car mid-domandi in eskussjoni li saru lill-istess Perit u min-Nota ta’ Sottomissjonijiet taghha, u tikkontendi li l-istess ghandha tigi skartata u minflok il-Qorti tilqa’ l-eccezzjonijiet taghha in bazi ghall-konsiderazzjoni li *l-atturi ma gabux dik il-prova rikjesta mill-ligi illi l-incendju de quo kien kawza ta’ xi haga indipendenti mill-agir taghhom. Skond l-istess Inginiera inkarigati minnhom survey biss seta’ jaghti xi tip ta’ certezza. Fin-nuqqas ta’ tali survey din il-Qorti ma tista’ qatt tasal biex tikkundanna lis-socjetà esponenti ghad-danni subiti. Di più, u minghajr pregudizzju ghal dak*

[1] Pagni 58 u 59 tal-Relazzjoni tal-Perit Tekniku.

*appena sottomess, l-atturi kienu fid-dover li jimminimizzaw semmai d-danni, liema haga evidentement ma saritx peress li hadd minnhom ma cempel ghall-assistenza tal-fire brigade, bil-konsegwenza li n-nar kompla infirex u d-danni kibru*.

Jibda biex jigi osservat li kif ormai ferm assodat fis-sistema guridika nostrali *l-Qorti ma tistax leggerment tiskarta l-opinjoni tat-tekniku meta l-konkluzjoni tieghu ma tkunx – ex Artikolu 681, Kapitolu 12, kontra l-konvinzjoni taghha nfisha. Dan ghaliex il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami*[2].

Wara li qieset il-provi prodotti mill-partijiet kontendenti kemm quddiemha kif ukoll quddiem il-Perit Tekniku, il-Qorti hi tal-fehma li l-konkluzjoni tal-Perit Tekniku dwar l-origini u l-kawza tan-nar li wassal biex il-magna tal-hasil in kwistjoni inqerdet kompletament u ghall-hsarat l-ohra kollha kawzati f'apparat iehor u fil-bini ta' l-atturi, hija fattwalment u legalment korretta.

Is-socjetà konvenuta tikkontendi li l-incident mertu tal-kontestazzjoni ma jistax ikun attribwibbli ghall-magna tal-hasil li giet akkwistata mill-atturi minghandha fis-17 ta' Jannar 2005, ghaliex fiz-zmien meta l-magna giet akkwistata kienet fi stat ta' funzjonament tajjeb. Din il-pretensjoni tas-socjetà konvenuta però ma hijiex guridikament sostenibbli ghar-raguni li jista' jigri li oggett li fid-data ta' l-akkwist ikun jiffuzjona tajjeb, jizvliuppa hsara jew jimmanifesta difett li jista' jwassal biex dak l-oggett ma jibqax jahdem tajjeb jew addirittura jinqered.

Fil-fatt ma huwiex kontestat li ghall-bidu l-magna tal-hasil in kwistjoni, li kienet giet ikkonsenjata lill-atturi w installata fil-fond taghhom fis-17 ta' Marzu 2005, kienet tahdem tajjeb. Entrambe l-atturi jikkonfermaw li l-attrici Maria

---

[2] Umberto Angelone v. Charles Vella et, Citaz. Nru. 1407/92 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Marzu 2003; Mark Agius noe v. Joseph Briffa, Citaz. Nru. 1221/97 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 2002.

Muscat kienet ilha tuza il-magna tal-hasil in kwistjoni ghal madwar sitt xhur, u dan ghal xi seba' sieghat fil-gimgha, qabel ma sehh l-incident mertu tal-kontestazzjoni, u tul dak iz-zmien din il-magna dejjem hadmet normali minghajr ma tat problemi[3].

L-attrici tispiega dak li gara dakinhar ta' l-incident bil-mod segwenti: *bdejt inhaddem il-magna tal-hasil ghal xi sebgha ta' filghodu. Tfajt load ta' hwejjeg moderata u haddimtha bhas-soltu fejn tajtha cycle ta' xi kwarta. Wara l-hasla, ghamilt il-hwejjeg fis-spin tub bhas-soltu. Wara xi ftit li bdiet l-ispin cycle bdejt inxomm riha ta' hruq. Jiena kont pronta tfejt is-switch u qlajt il-plug. Cempilt lir-ragel mill-kcina u ghidtlu b'li kien qed jigri. Kif mort lura fil-washroom rajt li l-magna tal-hasil kienet qed taqbad. Rajt in-nar hiereg minn wara u duhhan. Ergajt cempilt lir-ragel u qalli li kien gej id-dar*.

Ghal dan il-kwadru tal-fatti kif espost mill-atturi s-socjetà konvenuta tirribatti billi tallega li l-magna tal-hasil setghet hadet in-nar minhabba l-fatt li l-atturi u senjatament l-attrici Maria Muscat, jew ma haddmuhiex skond il-manual provdut jew inkella ma hadux il-prekawzjonijiet necessarji biex is-switches tal-magna ma jixxarbux.

Is-socjetà konvenuta tallega li dakinhar ta' l-incident x'aktarx l-attrici ghabbiet il-magna, specjalment l-ispin dryer, b'ammont ta' hwejjeg iktar milli kien jiflah l-istess spin dryer u wkoll x'aktarx ma poggietx il-plate li jigi mghammar bih l-ispin dryer biex il-hwejjeg, specjalment meta dan ikun mimli hafna, ma jitilghux 'l fuq bil-konsegwenza li jinqabdu bejn l-ispin dryer u l-body tal-magna. Is-socjetà konvenuta però a ressqitx provi li sodisfacentement jistabilixxu dak minnha allegat bhala fatt ippruvat imma tibbaza l-pretensjonijiet taghha fuq mera supposizzjonijiet u assunzjonijiet ghal kollox gratuwiti.

In effetti ghalkemm is-socjetà konvenuta tallega li dakinhar ta' l-incident l-attrici ghabbiet l-ispin dryer iktar milli suppost, mill-kontro-ezami ta' Mario Scicluna, Service

---

[3] Affidavits ta' l-atturi, Dok. "PM5" u Dok. "PM6" a fol. 30 sa' 33.

Manager ta’ l-istess socjetà konvenuta, jirrizulta li meta huwa acceda fil-fond ta’ l-atturi biex jara u jiddetermina x’gara, dan il-fatt partikolari ma setghax jikkonstatah u wisq inqas jaccertah minhabba l-istat li fiha kienet il-magna tal-hasil in kwistjoni: *ma stajt nghid jekk il-washing machine kienetx mghobbija z-zejjed, u dan ghax il-washing machine kienet kwazi kompletament distrutta. M’ezaminajt ebda parti mill-washing machine minhabba l-istat li sibtha fih*[4]*.*

Biex tissosstanzja l-pretensjonijiet taghha s-socjetà konvenuta taqbad ukoll mad-dikjarazzjoni ta’ l-attrici li *“Tfajt load hwejjeg moderata u haddimtha bhas-soltu fejn tajtha cycle ta’ xi kwarta. Wara l-hasla, ghamilt il-hwejjeg fis-spin tub bhas-soltu.”* u minnha tislet il-konkluzzjoni li *dan ifisser illi hija poggiet l-istess ammont ta’ hwejjeg li kellha fil-wash tub minghajr ma hadet in konsiderazzjoni li l-kapacità ta’ l-ispin dryer kienet ta’ inqas kilos*[5]*.* Il-konkluzzjoni li is-socjetà konvenuta tipprova tislet mid-dikjarazzjoni ta’ l-attrici però ma tistax tregi u dana billi mkien mix-xhieda ta’ l-attrici ma jirrizulta x’kien il-piz tal-*load hwejjeg moderata* li dakinhar haslet fil-magna u iktar w iktar x’kien il-piz tal-hwejjeg li ghaddiet mill-ispin dryer. Ghalhekk li l-piz tal-hwejjeg fl-ispin dryer kien in eccess minn dak li kien jiflah l-istess spin dryer hija biss assunzjoni gratuwita tas-socjetà konvenuta li difficilment tista’ tregi meta jigi kkunsidrat li l-attrici ddikjarat li dakinhar ta’ l-incident kienet qed tahsel hwejjeg tas-sajf[6], fattur dan injorat mis-socjetà konvenuta.

Ladarba ma jirrizultax b’mod konkret li l-ispin dryer kien mghobbi zzejjed, lanqas ma tista’ tregi l-allegazzjoni ulterjuri tas-socjetà konvenuta li l-attrici ma poggietx il-plate fuq il-hwejjeg fl-ispin dryer bil-konsegwenza li xi hwejjeg telghu ‘l fuq u inqabdu bejn l-ispin dryer u l-body tal-magna u bil-friction hadu n-nar.

---

[4] Xhieda in kontro-ezami ta’ Mario Scicluna moghtija waqt is-seduta quddiem il-Perit Tekniku tat-12 ta’ Frar 2008, pagna 116 sa’ 119 tar-Relazzjoni tal-Perit Tekniku.
[5] Nota ta’ Sottomissjonijiet tas-socjetà konvenuta, fol. 86 sa’ 90 tal-process.
[6] Xhieda in kontro-ezami ta’ l-attrici moghtija waqt is-seduta quddiem il-Perit Tekniku tat-13 ta’ Novembru 2007, pagna 108 sa’ 113 tar-Relazzjoni tal-Perit Tekniku.

Apparte dan is-socjetà konvenuta tallega wkoll li l-hruq fil-magna tal-hasil in kwistjoni seta' sehh ghaliex l-attrici ma haditx il-prekawzjonijiet necessarji biex ma jixxarbux il-*control switches* tal-magna. Mario Scicluna xehed illi *mill-esperjenza tieghi, nghid illi l-probabilità hi li xxarrbu xi switches, cioe, il-control switches li jkunu nstallati gewwa l-washing machine. Dawn il-controls huma nstallati l-fuq min kull livell ta' l-ilma u jekk ixxarbu, setghu biss ixxarbu meta l-hwejjeg ikunu qeghdin jigu trasferiti min banju ghal iehor. Il-wahsing machine tigi armata b'ghatu fuq il-wash tub bil-funzjoni li ma jhallix ilma jtir fuq l-imsemmija controls. F'kaz li l-machine tkun qed tahdem u jinfetah l-ghatu tal-banju tal-hasil, din tibqa' tiffunzjona filwaqt li jekk jinfetah l-ghatu ta' l-ispin, l-spin jieqaf jiffunzjona*[7]. Madanakollu in kontro-ezami ddikjara li *mistoqsi nghid jekk meta ghamilt l-ispezzjoni kkonkludejtx l-origini ta' min fejn sehh il-hruq, nghid li l-origini jiena ma stabbilejtux, però l-koncentrazzjoni kienet fil-washing machine. <u>Kien jidher li l-iktar li kien evidenti kien fuq in-naha ta' fejn ma kienx hemm ilma, u cioè, in-naha ta' l-ispin dryer</u>*[8]. Din l-ahhar dikjarazzjoni kjarament tikkontradici s-supposizzjoni minnu avvanzata fix-xhieda tieghu bhala r-raguni ghalfejn setghet qabdet il-magna tal-hasil.

Is-socjetà konvenuta tallega li l-magna tal-hasil hadet in-nar minhabba xi haga hazina fis-sistema ta' l-elettriku tal-fond ta' l-atturi jew minhabba li x-xoghol fis-sistema ta' l-elettriku ma sarx skond is-sengha u l-arti. Biex tissosstanzja din l-allegazzjoni ressqet bhala xhud lil Royston Vella, Fire Safety Auditor & Inspector, li hejja rapport fl-1 ta' April 2006 u dana wara li xi ftit jiem qabel id-data tar-rapport izda diversi xhur wara li sehh l-incident kien acced fil-fond ta' l-atturi.

Fir-rapport tieghu jghid: *in the electrical report that the occupier presented to Mr. Alfred Bugeja, the electrical*

---

[7] Xhieda in kontro-ezami ta' Mario Scicluna moghtija waqt is-seduta quddiem il-Perit Tekniku tat-12 ta' Frar 2008, pagna 116 sa' 119 tar-Relazzjoni tal-Perit Tekniku.

[8] Xhieda in kontro-ezami ta' Mario Scicluna moghtija waqt is-seduta quddiem il-Perit Tekniku tat-12 ta' Frar 2008, pagna 116 sa' 119 tar-Relazzjoni tal-Perit Tekniku. Sottolinear tal-Qorti.

*installation was certified to be in good working order. Which I find hard to believe since if there was any electrical overload or a short circuit, which would then have caused the ignition of the twin tub in question some sort of a device either ELCB, RCD or a fuse should have tripped or blown respectively to avoid the incident. The electrical installation of the washroom in question has been altered from the main distribution box with a flat 3 core twin sheathed cable. And as described below there was no colour coding in place*[9] *… in accordance with IEE regulation the single phase wiring is to be conducted with three cables of different colours (e.g. red, black and green) when I inspected one of the socket outlets it was noticed to be wired in one colours except for the earthing wire which was taped in a different colour*[10]*.* Madanakollu u nonostante dak minnu dikjarat b'tant certezza fir-rapport tieghu, in kontro-ezami Royston Vella ddikjara li huwa lanqas biss kien spezzjona c-circuit breaker tal-fond ta' l-atturi: *nghid li c-circuit breaker fid-dar jien m'ghamiltx spezzjoni fuqu*[11]. B'hekk dak minnu affermat dwar is-sistema ta' l-elettriku tal-fond ta' l-atturi hi biss asserzjoni gratuwita li ma gietx debitament konstatata u wisq inqas ippruvata.

L-osservazzjoni ta' Vella dwar il-kuluri tal-wires tas-sockets fil-kamra fejn sehh il-hruq lanqas ma tista' twassal biex jigi konkluz li kien hemm xi haga hazina fis-sistema ta' l-elettriku tal-fond ta' l-atturi partikolarment meta Mario Scicluna, Service Manager mas-socjetà konvenuta, fir-rigward iddikjara li *niftakar li l-ilwien tal-wires li sibt komunikati mal-plug ma kienux l-istess lwien li jintuzaw illum, però, bl-ebda mod ma qieghed nissugerixxi li dan seta kien il-kawza tal-hruq*[12]*.*

Royston Vella osserva wkoll li *fil-hin li jiena ghamilt l-ispezzjoni gie osservat li kien hemm bicca ta' l-art fuq il-parti ta' quddiem tal-washing machine li jien deherli li*

---

[9] Dok. "RV1" anness mar-Relazzjoni tal-Perit Tekniku.
[10] Dok. "RV1" anness mar-Relazzjoni tal-Perit Tekniku.
[11] Xhieda in kontro-ezai ta' Royston Vella moghtija waqt is-seduta quddiem il-Perit Tekniku tas-17 ta' April 2007, pagna 86 sa' 89 tar-Relazzjoni tal-Perit Tekniku.
[12] Xhieda in kontro-ezami ta' Mario Scicluna moghtija waqt is-seduta quddiem il-Perit Tekniku tat-12 ta' Frar 2008, pagna 116 sa' 119 tar-Relazzjoni tal-Perit Tekniku. Sottolinear tal-Qorti.

*kienet stramba u li kif elenkajt fir-rapport Point Nr.1 jista jkun li l-ventilation grill kien ostakolat u dan kuntrarjament ghal kif suggerit fl-instruction manual. Milli stajt nosserva jien, il-plug kien qieghed fis-socket outlet fil-hin ta' l-ispezzjoni, u dan jikkontribwixxi sabiex in-nar jigi generat fil-washing machine*[13]. Madanakollu in kontro-ezami huwa rrimarka li *b'referenza ghall-bicca ta' l-art li setghet possibilment kienet qed tostakola l-ventilation grill, nghid illi din semmejta fir-rapport bhala possibilita, u dan ma stajt nikkonstatah ghax il-machine giet kwazi kompeltament distrutta*[14]. Hawn ukoll ghalhekk il-konstatazzjonijiet u konsegwenti konkluzzjonijiet ta' Vella dwar l-origini u l-kawza tal-hruq tal-magna tal-hasil in kwistjoni huma bbazati fuq assunzjoni ghal kollox gratuwita mhux ibbazata fuq fatti debitament ikkonstatati u ppruvati.

Ghal dak li jirrigward l-plug tal-magna tal-hasil, li skont Vella seta' kkontribwxxa sabiex in-nar gie ggenerat fil-magna tal-hasil peress illi kien ghadu fis-socket, jigi osservat li fir-rigward in kontro-ezami l-istess Vella xehed illi: *nghid li ezaminajt is-socket outlets skond Photo Nr.5 u rrizultali illi dan ma kienx il-kagun tan-nar*. Dana l-fatt gie ikkonfermat ukoll minn Mario Scicluna li in kontro-ezami iddikjara *naqbel mat-tekniku li fil-hin ta' l-access, wara li t-tekniku ezamina s-socket outlet, deher car li l-origini tal-hruq zgur li ma kienx mis-socket outlets*. B'hekk anki din l-osservazzjoni jew ahjar supposizzjoni ta' Royston Vella ghandha tigi skartata bhala ghal kollox gratuwita.

Fid-dawl ta' dan kollu appena osservat, il-Qorti difficilment tista' taghti piz lil dak allegat mis-socjetà konvenuta dwar l-origini u l-kawza tan-nar fil-magna tal-hasil in kwistjoni.

Mill-banda l-ohra l-osservazzjonijiet u konkluzjonijiet ta' l-Inginiera Michael Cassar u Arthur Ciantar fir-rapport taghhom tal-21 ta' Settembru 2005[15], huma iktar attendibbli u verosimili peress illi kuntrarjament ghal Mario

---

13 Xhieda in ezami ta' Royston Vella moghtija waqt is-seduta quddiem il-Perit Tekniku tas-17 ta' April 2007, pagna 86 sa' 89 tar-Relazzjoni tal-Perit Tekniku.
14 Xhieda in kontro-ezami ta' Royston Vella moghtija waqt is-seduta quddiem il-Perit Tekniku tat-12 ta' Frar 2008, pagna 119 sa' 122 tal-process.
15 Dok. "PM1" a fol. 3 sa' 8 tal-process.

Scicluna u Royston Vella, huma wasslu ghall-konkluzzjonijiet taghhom in bazi ghal konstatazzjonijiet fattwali maghmula fuq il-post ta' l-incident ftit jiem biss wara li dan sehh.

In effetti l-imsemmija zewg Inginiera bbazaw il-konkluzjoni taghom fuq is-segwenti konstatazzjonijiet: *from what has been noted during the survey and reported above, it is evident that the fire borke out from behind the washing machine in question. The soot marks indicate that the fire broke out from behind the spinning part of the washing machie, where the electrical motor is located. The burn marks on the power sockets installed in the room indicate that the fire started at a point below the said sockets and some distance away from the sockets themselves. Evidence pointing towards this conclusion are the marks on the sockets themselves starting below the said sockets as well as the clean part still uncovered with soot on the right hand side of the plug still inserted into the socket as shown in fig 5. Had the fire started from the sockets themselves, the soot marks would have been expected to be shown from the sockets upwards. Had the fire started from the sockets themselves, this would have resulted in the destruction of the said sockets. The electrical system installed in the house is adequately protected for both overload and earth leakage. Thus the cause of the fire cannot be attributed to a fault in the installation as this would have caused either the earth leakage circuit breaker to trip or else the fuses to blow. The fact that Mrs. Muscat had unplugged the washing machine also indicates that the fire did not start from the sockets or another part of the installation but from the machine in question. … Evidence mentioned above indicate that the incident resulted from a fault in the Euromatic Washing machine. This is proven by the facts detailed in 2.6 and 2.7 above. The cause of the fire may have been a short in the electrical part of the washing machine, although it is recommended that a thorough survey be carried out on the machine itself in a workshop to ascertain the causes of the incident. Only after such a survey can the exact cause of the fault and consequential fire be identified and determined*.

Is-socjetà konvenuta tipprova tattakka din il-konkluzzjoni billi tikkontendi li ma jistax ikun li l-hruq gie kawzat minn hsara fil-magna tal-hasil infisha ghaliex skont Mario Scicluna *mid-dokumenti li qieghed nesebixxi Dok. MS1 ma seta kien hemm short circuit fil-washing machine altrimenti kien jinharaq il-5Amp fuse indikat b'cirku fuq Dok.MS1. Dan il-fuse qieghed gewwa l-machine, u jekk ma tinfetahx il-machine, il-konsumatur m'ghandux access ghalih*[16]. Madanakollu in kontro-ezami l-istess Scicluna ddikjara li *lanqas m'ezaminajt il-fuse tal-5Amps li ghalih ghamilt referenza fix-xhieda precedenti tieghi* u ghalhekk, kuntrarjament ghal dak minnu originarjament affermat ma setghax jghid jekk kienx hemm jew le short circuit fil-magna tal-hasil in kwistjoni.

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha s-socjetà konvenuta tikkontendi li *kif jista' qatt l-espert nominat mill-Qorti qatt wasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu meta dan is-survey suggerit mill-istess Inginier inkarigat mill-atturi qatt ma sar, survey li skond l-istess Inginier kien* ***l-uniku*** *mezz kif jigi stabbilit ezattament x'kienet il-kawza tad-difett? Illi ghalhekk, bla pregudizzju ghal dak li ntqal iktar 'il fuq, l-esponenti ssostni illi l-atturi ma ippruvawx skond il-Ligi l-kaz taghhom*. Din il-kontestazzjoni però hija ibbazata fuq interpretazzjoni zbaljata ta' dak affermat mill-Inginiera Cassar u Ciantar f'dan ir-rigward.

Mir-Rapport ta' l-Inginiera Cassar u Ciantar u anke mix-xhieda li taw quddiem il-Perit Tekniku[17] jirrizulta b'mod car li jeskludu li l-magna tal-hasil in kwistjoni hadet in-nar ghal raguni estraneja ghall-magna nfisha, inkluz l-uzu hazin da parte ta' l-attrici u s-sistema ta' l-elettriku tal-fond ta' l-atturi. Huma jikkonfermaw li n-nar origina u gie kawzat mill-magna tal-hasil infisha ghax din kellha jew zviluppat difett – il-qofol tal-kwistjoni kollha – izda jippuntwalizzaw li biex tara x'inhu ezatt id-difett – u mhux jekk hemmx difett

[16] Xhieda in ezami ta' Mario Scicluna moghtija waqt is-seduta quddiem il-Perit Tekniku tat-12 ta' April 2007, pagna 81 sa' 85 tar-Relazzjoni tal-Perit Tekniku.
[17] Seduta mizmuma quddiem il-Perit Tekniku fid-9 ta' Jannar 2007, pagna 65 sa' 73 tal-Relazzjoni tal-Perit Tekniku.

o meno – kien jehtieg isir survery fuq il-magna tal-hasil in kwistjoni.
B'hekk kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà konvenuta, ir-rapport ta' l-Inginiera Cassar u Ciantar jistabilixxi b'mod sodisfacenti li l-incident in kwistjoni jsib l-origini u l-kawza tieghu f'difett fil-magna tal-hasil akkwistata mill-atturi minghand is-socjetà konvenuta. Ghalhekk l-atturi rnexxielhom jippruvaw b'mod sodisfacenti r-rabta bejn il-kawza u l-effett tad-dannu minnhom soffert.

Is-socjetà konvenuta tikkondenti wkoll li bl-agir taghhom l-atturi kkontribwew biex id-dannu minnhom soffert kiber sostanzjalment u dana billi ebda wiehed minnhom ma cempel lill-fire brigade biex jigu jiftu n-nar. Il-Qorti però ma tara ebda ness bejn din l-allegazzjoni u l-entità tad-dannu soffert mill-atturi b'konsegwenza ta' l-incident in kwistjoni ghaliex mir-rapport u mix-xhieda ta' Royston Vella jirrizulta li anke kieku ssejhet il-fire brigade, id-dannu kawzat xorta ma kienx jigi evitat.

Fir-rapport tieghu Royston Vella josserva li *it would have taken the fire authorities between 12 to 15 minutes to arrive on the scene and control the situation. Also it would have taken the district police to arrive within minutes. Since there were also children present at the time in question it would have be wiser to inform the authorities concerned even for any medical emergency.* Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tad-19 ta' April 2007[18] iddikjara li *min meta beda l-hruq sakemm evolva ghal l-istat li sibt fil-kamra fiha, ghaddew ta' lanqas ghoxrin minuta.* In kontro-ezami qal ukoll li *nghid illi nikkalkola li min meta beda n-nar sakemm intefa, dan ha circa tletin/erbghin minuta, u dan milli stajt nikkonstata min-nugrufun li sibt fil-kamra*[19]. Minn dawn id-dikjarazzjonijiet jirrizulta li ghalkemm setghu ghaddew bejn nofs siegha u erbghin minuta biex intefa' n-nar, già f'ghoxrin minuta minn x'hin beda n-nar kienet giet ikkawzata l-hsara minnu riskontrata fil-kamra fejn kien hemm l-incident u ghalhekk anke kieku ssejhet il-fire

[18] Pagna 86 sa' 89 tal-process.
[19] Xhieda in kontro-ezami ta' Royston Vella moghtija waqt is-seduta quddiem il-Perit Tekniku tat-12 ta' Frar 2008, pagna 119 sa' 122 tal-process.

brigade – li zgur ghandha hmistax-il minuta biex tasal jekk mhux izjed minhabba t-traffiku[20] – ma jistax jigi eskluz li d-dannu li kienu jsofru l-atturi ma kienx ikun ta' l-istess entità daqs dak minnhom attwalment soffert.

Apparte minnhekk huwa ghal kollox komprensibbli li fic-cirkostanzi l-attrici ippanikat malli rat in-nar, partikolarment billi kellha t-tfal id-dar, u b'hekk ma ghaddilhiex minn mohha li ccempel lill-fire brigade.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk, jirrizulta li l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjetà konvenuta ma jisthoqqx li jigu milqugha.

Stabbilit in-ness bejn il-causa u l-effett tad-dannu subit mill-atturi, jehtieg issa jigi determinat jekk fic-cirkostanzi tal-kaz is-socjetà konvenuta ghandhiex taghmel tajjeb ghal tali dannu fl-ammont pretiz mill-atturi.

L-atturi jippretendu li s-socjetà konvenuta ghandha thallashom is-somma ta' Lm2,612.61, illum ekwivalenti ghal €6,085.74, essenzjalment rapprezentanti l-valur tal-magna tal-hasil in kwistjoni li nqerdet kompletament, il-valur ta' diversi oggetti u *appliances* ohra li kien hemm fil-kamra fejn sehh il-hruq li wkoll inqerdu jew gratilhom hsara irreparabbli, u l-valur ta' l-ispejjez necessarji biex isir ix-xoghol ta' tiswija fil-kamra stess – Dok. "PM3". Meta tratta din il-pretensjoni ta' l-atturi l-Perit Tekniku illimita ruhu li jara jekk l-ammont minnhom pretiz huwiex fic-cirkostanzi wiehed ekwu u gust u kkonkluda li *fir-rigward tad-danni mitluba mill-atturi, konsiderati l-osservazzjonijiet maghmula mill-esponenti dwar it-talbiet attrici, l-esponenti qieghed jehmez lista ta' l-oggetti – DOK VEC – 1 – dikajrati mill-atturi, bil-prezzijiet f'xi kazijiet ridotti, u li fl-opinjoni ta' l-esponenti jirriflettu aktar il-mod ekwu u gust. Illi fil-kaz tal-magna tal-hasil mixtrija minghand is-socjetà konvenuta, l-esponenti qieghed jissugerixxi l-istess prezz li biha nxtrat minhabba li l-magna kienet ghadha koperta bil-garanzija*[21].

---

[20] Xhieda ta' Anthony Micallef moghtija waqt is-seduta quddiem il-Perit Tekniku tas-6 ta' Gunju 2007, pagna 92 sa' 94 tar-Relazzjoni tal-Perit Tekniku.
[21] Pagna 59 tar-Relazzjoni tal-Perit Tekniku.

Fil-fehma tal-Qorti però il-konsiderazzjonijiet tal-Perit Tekniku ma humiex sufficjenti biex jistghu jwasslu ghall-likwidazzjoni ta' l-ammont qual' volta dovut mis-socjetà konvenuta lill-atturi u dana billi evidentement ma hax in konsiderazzjoni l-fatt li hawn si tratta ta' azzjoni istitwita minn kompratur ta' oggett fil-konfront tal-venditur ta' dak l-istess oggett minhabba difett riskontrat f'dak l-oggett u konsegwenti dannu kawzat, fattur ferm importanti ghad-determinazzjoni gusta u legalment valida tal-vertenza odjerna.

Minhabba l-fattispecie partikolari ta' dan il-kaz it-talba attrici ma tistax tigi ikkunsidrata fid-dawl tal-principji guridici li jirregolaw l-istitut tad-danni izda trid tigi kkunsidrata fid-dawl tal-principji guridici li jirregolaw l-istitut tal-bejgh, u in partikolari r-rimedji disponibbli lill-kompratur f'kaz li l-venditur jonqos li jonora xi wahda mill-garanziji li huwa bil-Ligi obbligat li jaghti.[22]

Fil-fehma tal-Qorti l-principji li ghandhom jigu kkunsidrati fid-dawl tal-fattispecie tal-kaz in ezami huma dawk relattvi ghall-garanzija ghad-difetti latenti u dana billi kjarament irrizulta li l-magna tal-hasil in kwistjoni kellha difett kif definit fil-Ligi ghall-fini ta' dawn il-provvedimenti tal-Ligi – u cioè *kull annormalità jew imperfezzjoni, u kull gwast jew avarija li tigi riskontrata fil-haga u li, aktar jew anqas, tnehhilha l-attitudini ghall-uzu jew l-bontà jew l-integrità taghha*[23] - u tali difett kien latenti in kwantu mmanifesta ruhu zmien wara li l-atturi kienu già qed juzaw il-magna tal-hasil in kwistjoni u bla dubju ta' xejn kien wiehed gravi.

Il-provvedimenti tal-Ligi partikolari li ghalhekk ghandhom jigu ikkunsidrati fil-kaz in ezami huma l-Artikolu 1429 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi *jekk il-bejjiegh kien jaf bid-difetti tal-haga mibjugha hu obbligat mhux biss li jrodd il-prezz li jkun ircieva izda wkoll li jhallas id-danni lix-xerrej. Jekk il-bejjiegh ma kienx jaf bid-difetti tal-haga, hu*

[22] Brian Mangion et v. Mario Pulis et, Citaz. Nru. 537/04 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Ottubru 2005; Anthony McKay v. Alfred Cassar, Citaz. Nru. 971/84 deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-10 ta' Dicembru 1992.
[23] Mark Farrugia et v. Michael Arthur Williams et noe, Citaz. Nru. 2691/97 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 2005.

*obbligat biss irodd il-prezz u jhallas lix-xerrej l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-bejgh* u l-Artikolu 1430 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi *jekk il-haga difettuza tispicca minhabba d-difetti taghha, it-telfa taghha jbatiha l-bejjiegh, illi hu obbligat lejn ix-xerrej ghar-radd tal-prezz u ghall-hlasijiet l-ohra imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan. Jekk il-haga tispicca b'accident, it-telfa jbatiha x-xerrej*.

Ghalkemm fil-kaz in ezami l-atturi rnexxielhom jippruvaw b'mod sodisfacenti li l-magna tal-hasil in kwistjoni hadet in-nar u konsegwentement inqerdet u gew ikkawzati hsarat ohra minhabba difett fiha stess, ma rnexxielhomx però jippruvaw il-malafede tas-socjetà konvenuta, u cioè li kienet taf bid-difett tal-magna tal-hasil minnha mibjugha lilhom. B'hekk fid-dawl tal-provvedimenti tal-Ligi appena citati is-socjetà konvenuta hija obbligata taghmel tajjeb lill-atturi l-prezz tal-magna tal-hasil in kwistjoni u l-ispejjez li setghu kellhom x'jaqsmu mal-bejgh, u mhux ukoll ghad-danni l-ohra kollha pretizi minnhom.

Il-prova prodotta mill-atturi dwar il-valur tal-magna tal-hasil in kwistjoni hija l-fattura bin-numru 17215 mahruga mis-socjetà konvenuta[24] u minnha jirrizulta li l-ammont li s-socjetà konvenuta ghandha fic-cirkostanzi thallas lill-atturi huwa ta' Lm115.00, illum ekwivalenti ghal €267.87.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjetà konvenuta tilqa' t-talba ta' l-atturi izda dana limitatament ghas-somma ta' €267.87 rapprezentanti l-valur tal-magna tal-hasil tal-hwejjeg akkwistata mill-atturi minghand is-socjetà konvenuta u li nqerdet fl-incident meritu tal-kontestazzjoni, u konsegwentement tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lill-atturi l-imsemmija somma ta' €267.87, bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri u l-ispejjez relattivi ghall-ittra ufficjali mahruga mill-atturi fil-konfront tas-socjetà

[24] Annessa mar-Relazzjoni tal-Perit Tekniku.

konvenuta a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 20 ta' Jannar 2006, ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal terz (1/3) mill-atturi u zewg terzi (2/3) mis-socjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------